



Brussell, 7 ta' Frar 2023
(OR. en)

6163/23

AGRI 46
AGRIFIN 14
FIN 149

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	30 ta' Jannar 2023
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 16127/22	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 10/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Il-LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jiffaċilitaw l-impenn lokali iżda l-benefiċċji addizzjonali għadhom ma jidhrux suffiċjentement - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali tagħha Nru 10/2022 bit-titlu: "Rapport Speċjali tal-QEA Nru 10/2022: Il-LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jiffaċilitaw l-impenn lokali iżda l-benefiċċji addizzjonali għadhom ma jidhrux suffiċjentement"

adottati mill-Kunsill fit-3629 laqgħa tiegħu li saret fit-30 ta' Jannar 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill

**Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-Rapport Speċjali tagħha Nru 10/2022 bit-titlu:
*"Il-LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jiffaċilitaw l-impenn lokali iżda
l-benefiċċji addizzjonali għadhom ma jidhrux suffiċjentement"***

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JINNOTA r-Rapport Speċjali Nru 10/2022 tal-Qorti bit-titlu "Il-LEADER u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jiffaċilitaw l-impenn lokali iżda l-benefiċċji addizzjonali għadhom ma jidhrux suffiċjentement", li eżamina jekk l-approċċ LEADER/CLLD ħoloqx benefiċċji għall-iżvilupp lokali u jekk il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Gruppi ta' Azzjoni Lokali mmanigġjawx tajjeb l-ispejjeż u r-riskji marbuta mal-approċċ, b'mod partikolari meta mqabbla mal-programmi ta' nfiq ewlenin tal-UE;
2. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tevalwa b'mod komprensiv l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-LEADER u biex tivvaluta l-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità, li l-Kummissjoni taċċetta parzjalment fil-każ tal-ewwel rakkomandazzjoni u bis-sħiħ fil-każ tat-tieni rakkomandazzjoni;
3. IFAKKAR li l-metodu LEADER wera li huwa rilevanti tul it-30 sena mill-introduzzjoni tiegħu u għadu validu sal-lum u JENFASIZZA l-valur miżjud tal-LEADER li jirriżulta mill-implimentazzjoni sħiħa tal-metodu u l-benefiċċji dimostrabbli tiegħu f'termini ta' governanza lokali, kapital soċjali mtejjeb u riżultati mtejjba ta' proġetti LEADER meta mqabbla ma' metodi ta' implimentazzjoni mhux LEADER;
4. JIRRIKONOXXI li t-tqabbil tal-metodu ta' implimentazzjoni tal-LEADER ma' mudelli oħra ta' finanzjament jeħtieġ li jirrikonoxxi l-kontribut intanġibbli tal-LEADER fiż-żieda tal-kapital soċjali u uman fil-livell lokali flimkien mar-riskji u l-ispejjeż ta' skemi oħra ta' finanzjament;

5. JIEĦU NOTA tal-fehma li l-approċċ b'diversi fondi introdott għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-20 biex jiġi kkoordinat aħjar l-appoġġ għall-iżvilupp lokali u biex jissaħħu r-rabtiet bejn iż-żoni rurali, urbani u tas-sajd, fil-forma attwali tiegħu, jista' jwassal għal kumplessità akbar għall-finanzjament ta' proġetti ta' żvilupp lokali;
6. JIRRIKONNOXXI li hemm lok għal titjib biex jiġi żgurat li s-sħubijiet tal-gruppi ta' azzjoni lokali jkunu inklużivi u b'mod partikolari li ż-żgħażaġh, in-nisa u l-gruppi inqas vantaġġati jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Madankollu, JENFASIZZA l-fatt li minħabba d-depopolazzjoni taż-żoni rurali mhux dejjem ikun possibbli li jiġu definiti u jintlaħqu l-miri mixtieqa;
7. JINNOTA li hija meħtieġa aktar ħidma, permezz ta' monitoraġġ, metodoloġiji ta' evalwazzjoni u networking fil-livell tal-UE, lejn valutazzjoni u dimostrazzjoni aħjar tal-valur miżjud tal-approċċ LEADER għall-kapital soċjali u l-governanza lokali;
8. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK 2023-27 tagħhom ikollhom fil-mira l-eliġibbiltà tal-intervent tal-LEADER għal proġetti b'valur miżjud filwaqt li jżommu l-flessibbiltà meħtieġa biex jippermettu approċċi minn isfel 'il fuq biex jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali.